MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Numru 1298/2012

Il-Pulizija

(Spetturi Carlos Cordina u Joseph Busuttil)

vs

Twanny Grima (I.D 237077m)

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkonsidrat

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat:

- li arresta, zamm jew issekwestra illegalment lil Agostino Bartolo;
- li ghamel serq aggravat bil-valur, mezz u vjolenza;
- li assocja ruhu ma' terzi fit-twettiq tar-reat;

- li hedded u ingurja lill-imsemmi Agostino Bartolo;
- li fit-twettiq tar-reat tas-serq kellu sikkina minghajr licenzja;
- li ikkommetta r-reat ta' ricettazzjoni – dan ir-reat bhala alternattiva ghar-reat tas-serq;
- li kien fil-pussess ta' oggetti meta kien gja nstab hati ta' serq jew ricettazjoni;
- li ikkaguna biza lill-imsemmi Agostino Bartolo li se tintuza vjolenza kontrih;
- li naqas li ihares xi kundizzjoni imposta fuqu fl-ghoti lilu tal-helsien mill-arrest;

L-imputat irregistra ammissjoni ghar-reati fuq imsemmija sa mit-18 ta' Dicembru 2012 u baqa' jinsisti fuqha sa l-ahhar udjenza tas-19 ta' Dicembru 2013 anka wara li l-Qorti ikkonceditlu zmien biex jirrikonsidra;

Fuq tali ammissjoni, li hi volontarja u inkondizjonata, l-Qorti tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu minbarra dik tar-ricettazzjoni li hi in alternattiva ghal dik tas-serq li tikkonfigura u tinsab pruvata lil hemm mill-ammissjoni;

Ikkonsidrat:

Li fil-kors tal-proceduri l-Qorti innominat ufficjal tal-probation sabiex tkun f'posizzjoni ahjar kif tista' titratta mal-imputat rigward piena. Minn tali rapport l-abbli ufficjal tal-probation waqt li skarta l-idonjeta' tal-imputat ghas-servizz fil-komunita' ghamel rakkomandazzjoni li ikun hemm element ta' supervizjoni.

Fil-kaz tal-imputat pero' il-Qorti mhux qeghda tirrijavissa li tista' titratrta mal-imputat hlief li tikkundannah terminu ta' prigunerija. Dan hu hekk stante l-precedenti tal-imputat li minhabba fihom qieghed presentement jiskonta terminu ta' prigunerija anke minhabba dak li l-ufficjal tal-probation fisser bhala 'hajja kaotika' tieghu. Dan apparti, li fost l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hemm r-recidiva li jirrestringi jekk mhux addirittura telima fil-kaz tieghu piena alternattiva ghal dik karcerarja. Fuq kollox it-twettiq tas-serqa saret kontra anzjan li kien qieghed gewwa daru u sahhansitra gie anka mhedded b'sikkina;

Rat l-Artikolu 48A, 86,87(1)(c) (e), 261(a)(b)(c), 263(a)(b), 264,267,275,276A, 277(b), 279(a), 280(2)(3),339(1)(b),287,251B, 579(1)(2)(3), 49,50,289, 17(b)(d)(h) u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6 u 51 tal-Kap 480;

Tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija u tordna l-konfiska tas-sikkina.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------